MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2010

Numru 883/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Edel Mary Camilleri)**

**Vs.**

**JUMA HASSAN SALEH**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Hassan Juma Saleh ta’ 40 sena iben Hassan u Taltum imwieled Darfour Sudan on the 01/01/1969, residenti at Hal Far open Centre kif ukoll 300, Manoel Dimech Street Sliema. Detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 40427A u n-numru tal-pulizija 05II-20. Holder of Central Immigration Office number CIO 73173.

Billi huwa akkuzat talli:

i) F’Mejju 2009 u ix-xhur ta’ wara, kif ukoll ta’ qabel, f’Malta, assocja ruhu flimkien u/ma xi persuna jew persuni ohra f’Malta jew barra minn Malta bil-ghan li jaghmel delitt f’Malta (reat bi ksur ta’ l-Artikolu 337A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta) li ghalih hemm il-piena ta’ prigunerija, u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 48A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta; u aktar talli
ii) Fl-istess zmenijiet u cirkostanzi bil-hsieb illi jaghmel xi qliegh li jkun, ghen, assista, ta parir jew habbrek biex persuni ohra jidhlu jew jaghmlu tentattiv biex jidhlu jew johorgu minn Malta bi ksur tal-Ligijiet ta’ Malta, jew li sew f’Malta jew barra minn Malta kkongura f’dak is-sens ma’ xi persuni ohra u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 337A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fin-Nota tar-Rinviju tieghu datata 7 ta’ April, 2010 u nnutat li l-imputat m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputat, tramite l-interpretu mahtura mill-Qorti u fil-presenza tal-avukat difensur tieghu, iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti, tramite l-interpretu mahtura mill-Qorti u fil-presenza tal-avukat difensur ta’ l-imputat, wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat tramite l-interpretu mahtura mill-Qorti u fil-

presenza tal-avukat difensur tieghu, wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 337A, 23 u 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Juma Hassan Saleh, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluza l-fedina penali netta tal-imputat tikkundanna lill-istess imputat Juma Hassan Saleh ghall-piena komplessiva ta’ tmintax (18) il-xahar prigunerija.

Il-Qorti, a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tordna lill-imputat Juma Hassan Saleh sabiex fi zmien tlett (3) xhur millum ihallas lir-Registratur tal-Qrati is-somma ta’ tlett mija u seba’ u hamsin Euro u ghaxar centezmi ta’ Euro (Euro 357.10) bhala spejjes inkorsi f’din il-kawza bin-nomina tal-espert Martin Bajada nkwantu ghall-ammont ta’ mitejn disa’ u erbghin Euro u tnejn u disghin centezmi ta’ Euro (Euro 249.92) u tat-traduttrici Ikram Abdel Wadoud nkwantu ghall-ammont ta’ mija u seba’ Euro u tmintax il-centezmi ta’ Euro (Euro 107.18).

Finalment, il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 23 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tordna il-konfiska tal-oggetti esebiti rispettivament bhala Dok. MS11, Dok. MS12 u Dok. MS16.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------